**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 19**

**NHAR L-ERBGĦA 22 TA' FRAR 2012 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |
| Alex Chetchuti | Membru |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Anna Paris | Membru |

**TALBA**

Il-Viċi Chairperson qalet it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 18 ġew approvati. Mary Anne Abela pproponiet filwaqt li l-Frank Salt issekonda.

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI

**<u>Mic-Chairperson Frank Salt</u>**

1. Ic-Chairperson informa li qed ikollu diversi ilmenti dwar meta ser jitkompla il-kuntratt tat-toroq fil-Madliena. Il-Kumitat ġie nfurmat li kemm il-darba saru kuntatti mall-Kuntrattur pero’ dan qatt ma irrisponda. Għaldaqstant ser issir laqgħa ma’ l-avukat nhar it-Tnejn 27 ta’ Frar 2012 sabiex jittieħed parir legali.

2. Ġew installati 10 litter bins ġodda. Dawn intalbu mir-residenti. Saret domanda sabiex dawn jiżdiedu. Il-Kumitat talab sabiex jiġu ordnati 5.

3. Frank Salt informa li għaddew 5 ġimgħat minn meta spiċċa Chris Said u sa issa il-Ministru il-ġdid għad ma iffissax laqgħa magħna. Waqt li l-Onor Chris Said kien għadu Ministru tal-Kunsilli lokali kien wiegħed 6 bankijiet u 2 imwejjed ġodda sabiex jiġu nstallati fil-Belveder. Hu staqsa jekk waslitx xi risposta.

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT** | **HUGH ZAMMIT** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI

**<u>Mic-Chairperson Frank Salt</u>**

4. Il-kumitat ġie nfurmat li dalwaqt ser tagħlaq l-offerta ta' land scaping fl-entratura ta' Fort Madliena. Din hija l-iskema imħabbra mill-Gvern Ċentrali, ammont ta' €20,000.00.

**<u>Mill-Viċi Chairperson Mary Anne Abela</u>**

1. Il-Viċi Chairperson kellha domanda sabiex issir dawl u bins fi Triq l-Inġinier. Sar qbil li ssir laqgħa mall-kuntrattur tad-dawl u jiġi stability kemm hemm bżonn arbli, u għaldaqstant tintalab kwotazzjoni. Din il-materja tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss.

2. Il-Vici Chairperson kellha rikjesta biex issir cul du sac fi Triq il-Ħarrub.

**FRANK SALT**
**Chairperson**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI

**<u>Mill-Membru Wallace Farrugia</u>**

1. Il-Membru Wallace Farrugia ikkonferma li l-laqgħa ma' l-Avukat ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2012.

2. Il-Membru Wallace Farrugia informa li saret laqgħa ma' l-MTA dwar l-iżvilupp ta' il-Land Scaping li ser fl-entratura tal-Madliena. Dwar din il-landscaping irid jiġi diskuss. Il-Kumitat ideċeida li din il-parti għandha tkun parti mill-kuntratt pilota tal-Madliena (imwejjed, bankijiet u dwal tkun parti mill-skema oħra.)

3. Saret laqgħa dwar il-kappella. Sar rapport minn Wallace Farrugia u saret l-applikazzjoni għall-fondi speċjali.

**<u>Mill-Membru Alex Chetcuti</u>**

1. Il-membru qed ikollu diversi limenti dwar ir-reċiklaġġ fil-Madliena. Dan qed iħallu ħafna ħmieġ u mhux qed inaddaf tajjeb. Ix-xogħol tal-mixed waste qed jagħmel xogħol tajjeb.

2. Il-membru fakkar dwar in-numri ta' kull bozza.

3. Terġa issir il-Bus Stop fi Triq tal-Mielaħ. Din tneħħiet mit-Transport Malta.

**Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu 2012 fil-5.00p.m.**

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT** | **HUGH ZAMMIT** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |